Nru./No. 18,601
Prezz/Price
€2.61

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 1 ta' Ġunju, 2010
Tuesday, 1st June, 2010

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 4729 - 4731
Government Notices ..... *4729 - 4731*

Avviż tal-Pulizija 4732
Police Notice 4732

Avviż lill-Baħħara 4733
Notice to Mariners *4733*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 4733 - 4740
Employment Opportunities ..... *4733 - 4740*

Avviżi tal-Gvern 4740
Notices 4740

Offerti ..... 4741 - 4776
Tenders ..... 4741 - 4776

Avviżi tal-Qorti ..... 4776 - 4780
Court Notices ..... 4776 - 4780

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 567

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,598, 18,599 u 18,600 tal-25, tas-27 u tat- 28 ta' Mejju 2010 rispettivament.

A.L. Nru. 310 tal-2010: Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364); Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

A.L. Nru. 311 tal-2010: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti tal-2010 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet (Lista tal-Ispejjeż).

A.L. Nru. 312 tal-2010: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123) Regolamenti ta' l-2010 dwar Fondazzjonijiet (Taxxa fuq l-*Income*).

A.L. Nru. 313 tal-2010: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435) Avviż ta' Bidu fis-Seħħ tar-Regolamenti ta' l-2010 dwar Maniġġar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi).

A.L. Nru. 314 tal-2010: Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap. 430) Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bijoċidi (Emenda Num. 2).

A.L. Nru. 315 tal-2010: Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 33.) Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 316 tal-2010: Att dwar Gwardjani Privati u Lokali (Kap. 389). Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Applikazzjonijiet għall-Gwardjani Privati u Lokali.

L-1 ta' Ġunju, 2010

GOVERNMENT NOTICES

No. 567

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,598, 18,599 and 18,600 of the 25th, 27th and the 28th May 2010, respectively.

L.N. No. 310 of 2010: Duty on Documents and Transfers Act (Cap. 364); Duty on Documents and Transfers (Amendment) Rules, 2010.

L.N. No. 311 of 2010: Local Councils Act (Cap. 363); Elections of Administrative Committees for Communities (List of Expenses) Regulations, 2010.

L.N. No. 312 of 2010: Income Tax Act (Cap. 123) Foundations (Income Tax) Regulations, 2010.

L.N. No. 313 of 2010: Environment Protection Act (Cap. 435) Commencement Notice of the Waste Management (Waste Batteries and Accumulators) Regulations, 2010.

L.N. No. 314 of 2010: Pesticides Control Act (Cap. 430) Biocides (Amendment) (No. 2) Regulations, 2010.

L.N. No. 315 of 2010: Explosives Ordinance (Cap. 33.) Control of Fireworks and other Explosives (Amendment) (No. 2) Regulations, 2010.

L.N. No. 316 of 2010: Private Guards and Local Wardens Act (Cap. 389). Private Guards and Local Wardens (Applications) (Amendment) Regulations, 2010.

1st June, 2010

Nru. 568

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont is-sub-artikolu (1) tal-artikolu 49 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-persuna msemmija hawn taħt inħatret Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali b'seħħ mit-28 ta' Mejju 2010:

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju Local*
Santa Venera	Joseph Ludvic Cassar

It-28 ta' Mejju, 2010

No. 568

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363) the following person has been appointed Acting Executive Secretary of that Local Council with effect from 28th May, 2010:

Council Locality	*Secretary*
Santa Venera	Joseph Ludvic Cassar

28th May, 2010

Nru. 569

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjoni li għandha bżonn Stima tal-Impatt Ambjentali
Avviż skont Artikolu 8(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007)

L-APPLIKAZZJONI għall-permess ta' żvilupp li ġejja teħtieġ Stima tal-Impatt Ambjentali. L-applikazzjoni hija mqassma skont il-lokalità u tinkludi n-numru tal-MEPA, titlu ta' żvilupp u l-isem tal-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku huwa mistieden jibgħat il-kummenti li jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima tal-Impatt Ambjentali lid-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana FRN 1230 jew bil-miktub jew fuq l-indirizz elettroniku eiamalta@mepa.org.mt. Is-sottomissjonijiet għandhom ikollhom id-dettalji tal-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti kollha għandhom jaslu għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sad-19 ta' Ġunju 2010.

Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* żuru http://www.mepa.org.mt/eiadetailspage?pict=images/EIA_jpegs/Msida.jpg&casenum=PA/04917/09&NewCases=true&Flag=0

Sit	*Nru. tal-Applikazzjoni*	*Isem tal-Applikazzjoni*
Triq Mikiel Anton Vassalli u Triq Tas-Sliema, Ġżira/ San Ġwann u Triq M. A. Vassalli, Msida	PA 4917/09	Twaqqigħ ta' bini eżistenti u bini ta' *grade separated junction* *Applikant* Perit Martin Attard Montalto o.b.o. Transport Malta
Location	*Application No.*	*Proposal*
Triq Mikiel Anton Vassalli and Triq Tas-Sliema, Gżira/ San Ġwann, and Triq M. A. Vassalli, Msida	*PA 4917/09*	*Demolition of existing buildings and construction of a grade separated junction.* *Applicant* *Perit Martin Attard Montalto o.b.o. Transport Malta*

L-1 ta' Ġunju, 2010

No. 569

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Application that Requires an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Section 8(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana.

The public is invited to submit in writing any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment to the Director of Environment Protection, Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana FRN 1230 or via email on eiamalta@mepa.org.mt. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority by not later than 19th June 2010.

Furthur information may be viewed on http://www.mepa.org.mt/eiadetailspage?pict=images/EIA_jpegs/Msida.jpg&casenum=PA/04917/09&NewCases=true&Flag=0

1st June, 2010

Nru. 570

ATT TAL-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, il-31 ta' Mejju, 2010 għall-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Karl Gouder huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

CACHIA RAYMOND

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

L-1 ta' Ġunju, 2010

No. 570

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Monday, 31st May, 2010 for the Local Council of San Ġiljan to fill the post vacated by Mr Karl Gouder is that whose name is shown hereunder:–

CACHIA RAYMOND

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

1st June, 2010

Nru. 571

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
1. 06. 10	€31.806	€0.509

L-1 ta' Ġunju, 2010

No. 571

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
1. 06. 10	€31.806	€0.509

1st June, 2010

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 60

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Qrendi

Nhar it-Tnejn, it-28 ta' Ġunju, 2010, mill-4.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Santa Marija, San Nikola, it-Torri, Santa Katerina, Francesco Buhagiar, l-Aragoniżi, Ġnien D.C. Pick, it-Tempesta, iż-Żurrieq, il-Kbira, il-Ħniena, Rokku Buhagiar u l-Parroċċa.

Nhar it-Tlieta, id-29 ta' Ġunju, 2010, mill-4.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Guarena, San Mattew, il-Kbira, Rokku Buhagiar, Nicolo Communet, it-Tempesta, il-Feniċi, Ġużeppi Muscat, D'Arena, il-Parroċċa u Misraħ Santa Marija.

Nhar l-Erbgħa, it-30 ta' Ġunju, 2010, mill-4.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Santa Marija, is-Suq, il-Kbira, Rokku Buhagiar u l-Parroċċa.

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Lulju, 2010, mill-4.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Santa Marija, il-Parroċċa, Misraħ San Mattew, is-Salvatur, Santa Katerina, it-Torri, San Nikola, is-Suq, il-Kbira u l-Ħniena.

Nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Lulju, 2010, mill-4.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Santa Marija, il-Parroċċa, Misraħ San Mattew, is-Salvatur, Santa Katerina, it-Torri, San Nikola, is-Suq u l-Ħniena.

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Lulju, 2010, mill-4.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Santa Marija, Nicolo Communet, Antonio Chircop, it-Tempesta kantuniera ma' Massabielle, it-Telgħa Tal-Ħotba sa salib it-toroq li tagħti għal Wied iż-Żurrieq, Blue Grotto u Ħaġar Qim.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Lulju, 2010, mit-8.30 a.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Santa Marija, il-Parroċċa, San Mattew, il-Kbira, is-Salvatur, Santa Katerina, it-Torri, San Nikola, is-Suq, il-Ħniena u Rokku Buhagiar.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Lulju, 2010, mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-Telgħa Tal-Ħotba sa salib it-toroq li tagħti għal Wied iż-Żurrieq, Blue Grotto u Ħaġar Qim.

Minn nhar it-Tnejn, it-28 ta' Ġunju, 2010 sa nhar it-Tnejn, il-5 ta' Lulju, 2010, il-ġurnata kollha mit-toroq li ġejjin: Rokku Buhagiar kantuniera mal-Kbira għal-Knisja Parrokkjali, San Nikola, is-Suq, il-Parroċċa u Misraħ Santa Marija.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

L-1 ta' Ġunju, 2010

POLICE NOTICE

No. 60

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited and will be suspended on the dates and times indicated.

Qrendi

On Monday, 28th June, 2010, from 4.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ Santa Marija, San Nikola, it-Torri, Santa Katerina, Francesco Buhagiar, l-Aragoniżi, Ġnien D.C. Pick, it-Tempesta, iż-Żurrieq, il-Kbira, il-Ħniena, Rokku Buhagiar and il-Parroċċa.

On Tuesday, 29th June, 2010, from 4.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Guarena, San Mattew, il-Kbira, Rokku Buhagiar, Nicolo Communet, it-Tempesta, il-Feniċi, Ġużeppi Muscat, D'Arena, il-Parroċċa and Misraħ Santa Marija.

On Wednesday, 30th June, 2010, from 4.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ Santa Marija, is-Suq, il-Kbira, Rokku Buhagiar and il-Parroċċa.

On Thursday, 1st July, 2010, from 4.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ Santa Marija, il-Parroċċa, Misraħ San Mattew, is-Salvatur, Santa Katerina, it-Torri, San Nikola, is-Suq, il-Kbira and il-Ħniena.

On Friday, 2nd July, 2010, from 4.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ Santa Marija, il-Parroċċa, Misraħ San Mattew, is-Salvatur, Santa Katerina, it-Torri, San Nikola, is-Suq and il-Ħniena.

On Saturday, 3rd July, 2010, from 4.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ Santa Marija, Nicolo Communet, Antonio Chircop, it-Tempesta c/w Massabielle, Tal-Ħotba Hill till cross roads leading to Wied iż-Żurrieq, Blue Grotto and Ħaġar Qim.

On Sunday, 4th July, 2010, from 8.30 a.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ Santa Marija, il-Parroċċa, San Mattew, il-Kbira, is-Salvatur, Santa Katerina, it-Torri, San Nikola, is-Suq, il-Ħniena and Rokku Buhagiar.

On Sunday, 4th July, 2010, from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through Tal-Ħotba Hill till cross roads leading to Wied iż-Żurrieq, Blue Grotto and Ħaġar Qim.

From Monday, 28th June, 2010 till Monday, 5th July, 2010, all day, through the following streets: Rokku Buhagiar c/w il-Kbira to Parish Church, San Nikola, is-Suq, il-Parroċċa and Misraħ Santa Marija.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

1st June, 2010

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 32 tal-2010

Żubrun Speċjali bħala Marka

B'riferenza għall-BA Chart 211A – Il-Fliegi bejn Malta u Għawdex - Kemmuna, id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li tqiegħed żubrun speċjali isfar bħala marka li jteptep darbtejn kull ħames sekondi b'raġġ ta' żewġ mili nawtiċi fl-inħawi tan-Nofsinhar li jagħtu għal Blue Lagoon, Kemmuna, fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
36º 00'.540	14º 19'.387

Dan iż-żubrun għandu dijametru ta' 1.5 metri u madwar 1.5 metri għoli u jimmarka żona għall-għaddasa madwar 50 metru għat-Tramuntana.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara għandhom joqogħdu attenti għalih u jersqu b'kawtela u bilmod meta jbaħħru fl-inħawi. Huma ordnati biex iżommu 200 metru 'l bogħod minn dan iż-żubrun.

Chart affettwata: BA Chart 211A, 2537, 194

L-1 ta' Ġunju, 2010

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 32 of 2010

Special Mark Buoy

With reference to BA Chart 211A – Channels between Malta and Gozo - Comino, the Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a special mark yellow buoy flashing 2 every 5 seconds with a range of 2 nautical miles has been laid at the south approaches to Blue Lagoon, Comino in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
36º 00'.540	14º 19'.387

This buoy is 1.5 meters in diameter and about 1.5 m high and it marks a dive site about 50 meters North.

In view of the above mariners are advised to note the above and proceed with caution and slow speed when navigating in the area. They are instructed to give the above buoy a wide berth of 200meters.

Chart affected: BA Chart 211A, 2537, 194

1st th June, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Inġinier *Junior*/Inġinier (Mekkaniku) fl-*ECO Gozo Regional Development Directorate*, Ministeru għal Għawdex

Skont klawsola 3.1. tal-ftehim Kollettiv kurrenti, nomeklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Inġinier *Junior*/Inġinier (Mekkaniku) fl-*ECO Gozo Regional Development Directorate*, Ministeru għal Għawdex.

2.1 Il-post ta' Inġinier għandu salarju ta' €16,690.00 fis-sena, li jitla' b'żidiet ta' €447.33 fis-sena sa massimu ta' €19,374.00 (Skala ta' Salarju 9).

2.2 Soġġett għal servizz sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' Inġinier fi Skala ta' Salarju 9 titla' għal Skala ta' Salarju 8 €17,806.00 fis-sena li jitla' b'żidiet ta' €486.83 fis-sena sa massimu ta' €20,727.00 wara sentejn servizz fil-grad u għal Skala ta' Salarju 7 €19,024.00 fis-sena li jitla' b'żidiet ta' €531.17 fis-sena sa massimu ta' €22,211.00 wara għaxar snin prattika professjonali ppruvata, jew tmien snin prattika

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Junior Engineer/Engineer (Mechanical) in ECO Gozo Regional Development Directorate, Ministry for Gozo

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the post of Junior Engineer/Engineer (Mechanical) in ECO Gozo Regional Development Directorate, Ministry for Gozo.

2.1 The post of Engineer carries a salary of €16,690.00 per annum rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €19,374.00 (Salary Scale 9).

2.2 Subject to satisfactory performance, an Engineer in Salary Scale 9 will proceed to Salary Scale 8 €17,806.00 per annum rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €20,727.00 on completion of two years service in the grade, and to Salary Scale 7 €19,024.00 per annum rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €22,211.00 on completion of ten years of

wara li tkun kisbet il-*warrant*. Il-perjodu biex persuna titla' minn Skala ta' Salarju 8 għal Skala ta' Salarju 7 jitnaqqas b'sentejn fil-każ ta' persuna li jkollha kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

2.3 Il-persuna maħtura tkun ukoll intitolata għal *performance bonus* ta' mhux aktar minn 15% tas-salarju bażiku tagħha.

2.4 Il-persuna maħtura tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra, u soġġetta għall-kundizzjonijiet l-oħra li jiġu stabbiliti bejn il-Gvern Malti u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll fl-*ECO Gozo Regional Development Directorate* b'mod partikolari. Il-persuni nominati jistgħu jiġu trasferiti skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Il-persuna maħtura titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Inġinier Mekkaniku jinkludu:

a) Tħejjija ta' *Business plans* u programmi ta' ħidma skont il-politika tad-Direttorat u b'kollaborazzjoni mad-Direttur, jimplimenta pjanijiet u programmi. Jiżgura l-kwalità, l-effiċjenzja u l-eżekuzzjoni effettiva ta' xogħol;

b) jassisti lid-Direttur jew Superjuri oħra kif ikun meħtieġ, inkluż fit-tħejjija ta' rapporti, estimi, speċifikazzjonijiet u aġġudikazzjonijiet ta' offerti u tmexxija/management ta' Proġett;

ċ) ikollu sehem attiv f'tim multi-dixxiplinari inkarigat fl-implimentazzjoni tal-viżjoni eko-Għawdex, u l-izvilupp kontinwu tagħha;

d) jagħmel rakkomandazzjonijiet lid-Direttur għall-iżvilupp u t-titjib tal-istrateġija eko-Għawdex, il-*businees plan,* l-iskeda tal-implimentazzjoni skont il-kompetenza rispettiva,

e) jipprepara, permezz ta' kuntatti ma' entitajiet, kemm interni u esterni, inizjattivi ġodda li jippermettu lil Għawdex jilħaq miri ogħla ta' żvilupp sostenibbli;

proven professional practice, or eight years practice after obtaining warrant, provided that the qualifying period for progression from Salary Scale 8 to Salary Scale 7 is reduced by two years in the case of an Engineer who is in possession of an approved postgraduate qualification.

2.3 The appointee will also be entitled to a performance bonus of up to a maximum of 15% of the basic salary.

2.4 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Malta Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the ECO Gozo Regional Development Directorate in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

(a) it is carried out strictly outside his/ her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the Malta Public Service.

5.1 The duties of Engineer (Mechanical) include:

a) Preparing business plans and programmes of work in accordance with the policies of the Directorate and liaisoning with the Director, implement plans and programmes. Ensuring quality, effectiveness and efficiency in the execution of work;

b) assisting the Director or Superiors as may be required, including in the preparation of reports, estimates, tender specifications and adjudications and Project leadership/ management;

c) forming an active part of a multi-disciplinary team entrusted with the implementation of the eco-Gozo vision and its continued development;

d) making recommendations to the Director for developing and improving the eco-Gozo strategy, business plan and implementation schedule according to the relevant line of expertise;

e) preparing, through liaison with both internal and external bodies, new initiative which will allow Gozo to achieve higher sustainable development targets;

f) jimplimenta l-miżuri ta' eko-Għawdex u l-azzjonijiet relatati mal-kompetenza partikolari, u jikkontribixxi għal oqsma oħrajn kif ikun meħtieġ;

ġ) dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

5.2 Aktar dettalji dwar id-dmirijiet li huma konnessi ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mingħand id-Direttur tal-*Corporate Services*, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:-

a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin); jew

(iv) il-konjugi u t-tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a) (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont il-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(a) (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

ċ) ikollhom jew ikunu ġew approvati għall-għoti ta' *degree* rikonoxxuta, jew kwalifika komparabbli, rikonoxxuta u xierqa, fl-Inġinerija Mekkanika;

d) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier Mekkaniku f'Malta;

e) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma Uffiċjali Pubbliċi għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk il-persuni li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

f) implementing the eco-Gozo measures and actions related to the particular remit, and contributing to other areas as may be required;

g) any other duties according to the exigencies as directed by the Principal Permanent Secretary.

5.2 Further details relative to the description of the post may be obtained from the Director Corporate Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria, Gozo.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a) (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs;

The appointment of candidates referred to at (a) (ii), (iii), and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) in possession, or have been approved for the award, of a recognized degree, or a recognized appropriate, comparable qualification, in Mechanical Engineering;

(d) in possession of a warrant to practice as a Mechanical Engineer in Malta;

(e) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

7.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand dawk l-individwi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 6 (a), (b), (ċ) u (e) hawn fuq, iżda li għad m'għandhomx il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier Mekkaniku. Persuna li tintgħażel taħt din il-klawsola tieħu l-ħatra ta' *Junior Engineer* (Mekkaniku) u tirċievi salarju ta' €15,668.00 x €407.67 - €18,114.00 (Skala ta' Salarju 10).

7.1 Applications will also be received from persons who satisfy the requirements stated in paragraphs 6(a), (b), (c) and (e) but have not yet received the warrant to practise as Mechanical Engineer in Malta. A candidate selected under this subsection will be appointed Junior Engineer (Mechanical) with a salary of €15,668.00 x €407.67 - €18,114.00 (Salary Scale 10).

7.2 Hekk kif iġġib il-*warrant* ta' Inġinier (Mekkaniku), u sakemm taqdi dmirijietha b'mod sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' *Junior Engineer* tkun eliġibbli għal promozzjoni fil-grad ta' Inġinier fuq Skala ta' Salarju kif imsemmi f'paragrafu 2.1.

7.2 On obtaining the said warrant to practise as an Engineer (Mechanical) and subject to satisfactory performance, a Junior Engineer will become eligible for promotion to Engineer with a Salary Scale as shown in paragraph 2.1.

7.3 Persuni li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 6 (d).

7.3 Successful candidates under this paragraph will only be considered if there are not enough successful applicants under paragraph 6 (d).

8.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil ragonevoli' skont Sezzjoni 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

8.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Direttorat konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Directorate by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/Istituzzjonijiet edukattivi terzjarji, jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin, (eskluż kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage)* li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta'

9.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement

kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.3. Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adatta għal dan il-post.

12. l-formoli tal-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-fergħa tad-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time-limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Directorate of Corporate Services, Ministry for Gozo.

10.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/ she is fit for the post.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director of Corporate Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria, Gozo.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, il-25 ta' Ġunju 2010.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, il-25 ta' Ġunju 2010 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur *Corporate Services,* Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 2155 9724.

15. a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sal-Uffiċċju tad-Direttur tas-Servizzi Korporattivi

b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, fi żmien sebat (7) ijiem.

L-1 ta' Ġunju, 2010

13. Applications together with a Curriculum Vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director of Corporate Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 25th June 2010.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 25th June 2010 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria, Gozo, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 21559724.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Gozo and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Gozo within seven (7) days.

1st June, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija jiħtieġ li jimla l-pożizzjoni ta':

Lecturing Staff f'Suġġetti ta' Xjenza Agrikola
(Permess tal-ETC Nru. 106/2010)

Il-kandidat magħżul ikun meħtieġ li jgħallem:
Vocational Animal Husbandry Study Units
Vocational Plant/Crop Husbandry Study Units

Applikanti għandu jkollhom:
L-ewwel *degree* f'suġġett tax-xjenza (relatat)
MSc fix-Xjenzi Agrikoli jew MSc fil-Farmaċija Agrikola u Veterinarja
Tal-anqas tliet (3) snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* rilevanti u/jew esperjenza industrijali.

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-MCAST mimlija kif suppost, flimkien mal-

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of:

Lecturing Staff in Agricultural Science Subjects
(ETC Permit 106/2010)

The successful candidates will be required to teach:
Vocational Animal Husbandry Study Units
Vocational Plant/Crop Husbandry Study Units

Applicants must be in possession of:
A first degree in a science (or related) subject
An MSc in Agricultural Sciences or an MSc in Agricultural and Veterinary Pharmacy
At least three (3) years full-time relevant and appropriate lecturing and/or relevant industrial experience.

Prospective candidates are invited to submit the completed College Application Form, together with their employment

employment history sheet li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, il-21 ta' Ġunju, 2010.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-Campus Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lil:

Id-Direttur Amministrattiv,
Bini tal-Amministrazzjoni,
MCAST Main Campus,
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard u li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

L-1 ta' Ġunju, 2010

history sheet obtainable from the ETC, by not later than noon of Monday, 21st June, 2010.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office at MCAST Main Campus, are to be addressed to:

The Administrative Director,
Administration Building,
MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Late and incomplete applications will not be considered.

1st June, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija jinħtieġ li jimla l-pożizzjoni ta':

Deputat Direttur, L-Istitut tas-Servizzi fil-Komunità
(Permess tal-ETC Nru. 50/2010)

L-applikanti għall-post għandu jkollhom tal-anqas:

L-ewwel *degree* jew fix-Xogħol Soċjali jew fil-Psikoloġija
Kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni fix-Xogħol Soċjali, il-Psikoloġija jew *Management*
JEW ħames (5) snin esperjenza f'pożizzjoni ta' *management*, u
Tal-anqas ħames (5) esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* relatati mas-Saħħa u Ħarsien Soċjali jew Psikoloġija.

Il-kandidat li jintgħażel jiġi ingaġġat fuq kuntratt definit ta' tliet snin, li wara jiġġedded soġġett ta' servizz sodisfaċenti.

Business Development Manager
(Permess tal-ETC Nru. 17/2010) (MPO/205/2005/31)

L-applikanti għandu jkollhom:
Degree Universitarja fl-Inġinerija jew fil-*Business*
Master's degree fil-Business Administration, u

Tal-anqas tliet (3) snin esperjenza fil-*business administration*. Kandidati prospettivi huma mistiedna li

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Art, Science and Technology is seeking to fill the position of:

Deputy Director, Institute of Community Services
(ETC Permit 50/2010)

Applicants for the post should possess as a minimum:

A first degree in either Social Work or Psychology
A postgraduate qualification in Social Work, Psychology or Management
OR five (5) years experience in a management position, and
A minimum of five (5) years teaching/lecturing experience related to Health and Social Care or Psychology.

The successful candidate will be engaged on a three year definite contract, renewable thereafter subject to satisfactory performance.

Business Development Manager
(ETC Permit 17/2010) (MPO/205/2005/31)

Applicants must be in possession of:
A University Degree in Engineering or Business
A Master's degree in Business Administration, and

A minimum of three (3) years experience in business administration. Prospective candidates are invited to submit

jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-MCAST mimlija kif suppost, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, l-14 ta' Ġunju, 2010.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-Campus Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lil:

Id-Direttur Amministrattiv,
Bini tal-Amministrazzjoni,
MCAST Main Campus,
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard u li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

L-1 ta' Ġunju, 2010

the completed College Application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than noon of Monday, 14th June, 2010.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office at MCAST Main Campus, are to be addressed to:

The Administrative Director,
Administration Building,
MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Late and incomplete applications will not be considered.

1st June, 2010

KUNSILL LOKALI RABAT (MALTA)

Laqgħa Pubblika Annwali tal-Lokalità 2010

Skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa pubblika annwali tal-lokalità nhar it-Tlieta, it-8 ta' Ġunju 2010, fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat fil-5.30 p.m.

Ir-residenti tal-lokalità tar-Rabat huma mħeġġa li jattendu.

L-1 ta' Ġunju, 2010

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

Annual Public Locality Meeting 2010

In accordance with the Local Council Act (Cap. 363), an annual public locality meeting will be held on Tuesday, 8th June 2010 at the Local Council's Administrative Offices, 8, Triq l-Isptar, Rabat at 5.30 p.m.

Residents of the Rabat locality are urged to attend.

1st June, 2010

KUNSILL LOKALI XEWKIJA

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija jgħarraf lill-pubbliku li qed jiġu allokati żoni għall-posti ta' gabbani matul il-jiem tal-festa reliġjuża tax-Xewkija. Iż-żoni huma Triq San Bert, Triq Ġużè D'Amato, Triq il-Ħelsien, Pjazza San Ġwann Battista, Triq Rotunda, Triq il-Knisja, Triq Arċ. Ciantar u Triq it-Tessuti. Il-Kunsill jgħarraf ukoll li dawn iż-żoni se jkunu magħluqa għat-traffiku matul l-attivitajiet tal-festa bejn l-20 u l-27 ta' Ġunju 2010.

Il-Kunsill Lokali Xewkija jgħarraf li nhar is-Sibt, is-26 ta' Ġunju 2010 bejn is-1.30p.m. u s-7.00p.m. fi Triq l-Imġarr se ssir attività ta' tiġrijiet ta' żwiemel u għalhekk it-triq se tkun magħluqa għat-traffiku minn ħdejn it-*traffic lights* kantuniera ma' Triq il-Madonna tar-Rummiena sa ħdejn ir-*roundabout* fi Triq l-Imġarr kantuniera ma' Triq San Leonardu.

L-1 ta' Ġunju, 2010

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

The Xewkija Local Council notifies that zones are being allocated for Kiosks during the religious feast days. The zones are situated at Triq San Bert, Triq Ġuzè D'Amato, Triq il-Ħelsien, Pjazza San Ġwann Battista, Triq ir-Rotunda, Triq il-Knisja, Triq l-Arċ. Ciantar and Triq it-Tessuti. The Council also notifies that the same zones will be closed for traffic during feast activities between the 20th and 27th June 2010.

The Xewkija Local Council notifies that on Saturday, 26th June 2010 between 1.30 p.m. to 7.00 p.m. a horse racing activity will be held at Triq l-Imġarr. Therefore Triq l-Imġarr from traffic lights corner with Triq il-Madonna tar-Rummiena to roundabout of Triq l-Imġarr corner with Triq San Leonardu will be closed to traffic.

1st June, 2010

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-3 ta' Ġunju, 2010, għal:

CT 112/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2142/2010. Provvista u tqegħid ta' madum tal-art taċ-ċeramika fis-Sular t'Isfel tad-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana – Dipartiment tal-Kuntratti.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-8 ta' Ġunju, 2010, għal:

CT 095/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2739/2009. Bini mill-ġdid ta' Notre Dame Gate, il-Furjana – Diviżjoni tax-Xogħlijiet.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-10 ta' Ġunju, 2010, għal:

CT 118/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2148/2010. *Waterproofing* ta' bejt fid-Dipartiment tal-Kuntratti – Dipartiment tal-Kuntratti.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-15 ta' Ġunju, 2010, għal:

CT 065/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3001/2010. Provvista, installazzjoni u kummissjonar ta' tagħmir għaċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni tal-Kappara – Korporazzjoni Enemalta. Irid jitħallas dritt ta' €1,000.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta qiegħda tiġi kkunsidrata biex tkun parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-*European Energy Programme for Recovery.*

(*Budget* Stmat: €10,000,000.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-22 ta' Frar 2010.

CT 097/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3022/2010. Bini tal-Binja ta' Teknoloġija tal-Informatika u Komunikazzjoni (ICT) – Università ta' Malta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta qiegħda tkun parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* stmat: €2,654,752.74 mingħajr V.A.T.).

CT 098/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3025/2010. Provvista ta' *aircraft related consumables* għall-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija, fl-Istitut tal-Inġinerija Mekkanika, fiċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-Manutenzjoni tal-

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 3rd June, 2010, for:

CT 112/2010 - Contracts Ref No, CT 2142/2010. Supply and laying of ceramic floor tiles at the Lower Level of the Department of Contracts, Floriana – Department of Contracts.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 8th June, 2010, for:

